# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 6/2025

16 ta' Ġunju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**6.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku kien talab li jkun skużat milli jattendi għal laqgħa għaliex ma kienx jiflaħ. Il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa.

**6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 5.1.7 (siġra taż-żebbuġ) issa r-rings tal-ħadid kienu saru u l-Kunsill kien qed jiċċekkja l-qasma li kien hemm kinitx qed tikber jew le. Is-Sindku għarraf li milli kien jidher il-qasma ma kinitx kibret u f'każ li tkompli tikber il-Kunsill ikollu jiżbor dik il-parti tas-siġra kompletament minħabba l-periklu.

6.1.2 Is-Sindku għarraf li l-attivita' tal-BMX kienet ser issir is-Sibt ta' wara l-laqgħa, u li l-attivita' kienet ser issir kif kien miftiehem f'parti ta' Triq il-Menqa u Misraħ San Mattew bejn l-4:00pm u d-9:00pm. Is-Sindku għarraf li l-organiser kien se jieħu ħsieb li jkun hawn ambulanza, sar ir-risk assessment, pulizija preżenti, u kif ukoll għamel polza ta' assigurazzjoni.

6.1.3 Is-Sindku fakkar li għal żmien il-festa l-Kunsill kien se joħroġ il-magazine 'Leħen il-Kunsill' u għalhekk kien jinħtieġ li l-Kunsilliera jlestu l-messaġġ tagħhom sal-15 ta' Lulju, 2025.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijiet sabiex jiġi pubblikat il-Magazin tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq l-orħos kwotazzjoni cioe id-disinn għal prezz ta' €500 VAT inkluż, filwaqt li għall-istampar tal-fuljett 1180 excl VAT.

6.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 5.3.3 (bank fi Triq il-Kuċċard) il-Kunsill kien sab jixtri bank ieħor bħal li kien hemm eżistenti u li kien weħel dakinhar tal-laqgħa stess filgħodu.

6.1.5 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Kurt Debono ref punt 5.39 (tazzi reusable għall-festa) jekk kellux xi feedback. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien ikkuntattja lill-manager tar-Reġjun Andre Cordina li kien ser jiċċekkja għaliex diġa' kellu xi kuntatti.

6.1.6 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li ref punt 5.1.6 (fergħa sserraħ fuq il-wires tad-dawl) fi Triq Ta' Rqajja kien għadhom ma tneħħewx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irraporta li l-wires kienu qed jisparkjaw, pero' l-Kunsill kien irċieva li l-Enemalta kienu marru fuq il-post u li ma kinux sabu ħsara fil-wires.

Il-Kunsillier Kurt Debono qal li issa l-bozza li kien hemm man-naħa tal-bini ma kinitx qed tixgħel. Il-Kunsill qabel li nirrapurtaw din il-bozza sabiex jekk il-ħsara ma tkunx mill-bozza l-kuntrattur javża lill-Kunsill u imbagħad nerġgħu nirraportaw lill-Enemalta.

## 6.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.2.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 13 ta'Ġunju, 2025 kien attenda laqgħa ma' Transport Malta minħabba r-rotot ġodda tat-trasport pubbliku u s-shifting taż-żewġ bus stops tal-pjazza.

Is-Sindku spjega li r-rotta tat-trasport pubbliku waqt il-ġranet tal-festa kienet ser tkun bħal tas-sena l-oħra cioe' tgħaddi minn ħdejn Ġnien Dun Karm Vella (Hawnhekk qed nirreferu biss għall-rotot 73 u 117). Is-Sindku qal li hekk kif kienu qed jiddiskutu din ir-rotta għal żmien il-festa, issuġġerixxa li minħabba li dalwaqt tinqala' l-pjazza ikun aktar għaqli li nħallu żewġ rotot (waħda għall-Belt u oħra għall-isptar) jibqgħu jgħaddu mill-istess rotta jiġifieri minn Triq il-Ħajt Ruman għal ħdejn Ġnien Dun Karm Vella bil-possibbilita' wkoll li din ir-rotta tibqa' taħdem b'mod permanenti sabiex ir-residenti ta' dawk l-inħawi jkunu milħuqa wkoll mit-trasport pubbliku. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li:

Rotot 71 u 218 jibqgħu jgħaddu mill-pjazza normali mir-rotta kif inhi issa filwaqt li

Rotot 73 u 117 jibdew jgħaddu minn ħdejn Ġnien Dun Karm Vella u wara minn Triq il-Kuċċard.

Is-Sindku għadda siteplan u fiehem lill-Kunsill fejn ser jiġu rilokati l-bus stops, cioe iż-żewġ bus stops fil-pjazza jiġu rilokati għal Triq iż-Żurrieq quddiem id-Dimentia Centre. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

Is-Sindku qal li meta l-bus stops tal-pjazza ser jiġu rilokati għal Triq iż-Żurrieq, il-bus stop li hemm l-isfel mill-Convenience Store ser ikunu wisq viċin u ssuġġerixxa li dan il-bus stop jiġi relokat għal Triq il-Ħajt Ruman fejn ikun hemm anke l-possibilita' li jsir bus shelter minħabba li l-bankina hija wiesgħa. Huwa semma wkoll li anke fi Triq il-Kuċċard kien hemm il-possibilita' li jsir bus shelter peress li hemm parti li għandha wkoll il-bankina wiesgħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2.2 Is-Sindku qal li ċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa l-ġdid 'Vincent Moran' li jinsab f'Raħal Ġdid, kienu ser jibdew jagħtu appuntamenti lir-residenti tagħna u staqsewh jekk nikkunsidrawx nibdew inwasslu l-anzjani tagħna f'dan iċ-Ċentru wkoll permezz tat-trasport bil-vann elettriku li jipprovdi l-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 6.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.3.1 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li l-ħarġa għall-Kemmuna kienet pjanata għall-Ħamis 24 ta' Lulju, 2025. Hija tat id-dettalji ta' kemm kienu ser ikunu l-biljetti u li wieħed irid japplika personalment biex ikun jista' jinżel Kemmuna.

## 6.4 Rapporti

**Approvazzjoni risposta Management Letter 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja tar-risposta tal-Management Letter 2024 lill-Kunsilliera kollha. Din ġiet diskussa sabiex tkun tista' tintbagħat lill-NAO u d-Dipartment għall-Gvern Lokali.

## 6.5 Festa

### 6.5.1 Is-Sindku qal li kien ser jagħti update għal żmien tal-Festa

**Għeluq ta' toroq**

Is-Sindku qal li l-pjazza kienet ser tkun magħluqa mill-Ħamis 21 ta' Awwissu, 2025 (filgħodu) u terġa' tinfetaħ it-Tnejn 1 ta' Settembru (f'nofsinhar). Triq il-Kuċċard (apparti s-service road) se tingħalaq mit-Tnejn 25 t'Awwissu (filgħodu) u terġa tinfetaħ il-Ħadd 31 t'Awwissu (f'nofsinhar).

**Bins/Skips**

Żewġ bins ħdejn il-Kunsill (wieħed mixed u ieħor recycled waste) mill-Ġimgħa 29 ta' Awwissu sal-Ħadd 31 ta' Awwissu, 2025

Tlett skips għall-pjazza (tnejn mixed u ieħor recycled waste) mil-Ġimgħa 22 ta' Awwissu sal-Ħadd 31 ta' Awwissu, 2025.

**Mobile Toilets**

Mobile Toilet fi Triq il-Kuċċard mit-Tnejn 25 ta' Awwissu, 2025 sas-Sibt 30 ta' Awwissu, 2025

Jiżdied mobile Toilet ieħor għal Triq il-Kuċċard għal nhar is-Sibt 30 ta' Awwissu, 2025

Żewġ Mobile Toilets mill-Ġimgħa 29 ta' Awwissu, 2025 sal-Ħadd 31 ta' Awwissu u jitpoġġew mal-ħajt tal-ġnien tas-sorijiet fi Triq iż-Żurrieq.

**Knis**

Il-Kunsill iddiskuta l-knis extra li għandu jsir minħabba l-festa cioe':

Il-Ġimgħa filgħaxija sbieħ is-Sibt wara l-marċ il-kbir fil-pjazza.

Is-Sibt issir Triq il-Kuċċard kemm jista' jkun għall-aħħar qabel jibda l-ħruq tan-nar tal-art.

Il-Ħadd il-pjazza u t-toroq tal-madwar jinkinsu darbtejn (filgħodu qabel il-quddies tad-9am u wara nofsinhar x'ħin jispiċċa l-marċ). Il-Ħadd filgħodu tinkines ukoll Triq il-Kuċċard wara n-nar tal-art.

**Floodlights**

14-il floodlight għall-pjazza u Triq il-Kuċċard

**Wardens**

15 ta' Awwissu, 2025 mis-7:00am sal-4:00pm (1 warden) – Triq iż-Żurrieq

It-Tnejn 25 ta' Awwissu, 2025 6:00am sas-2:00pm  (2 wardens) – Triq il-Kuċċard

It-Tlieta 26 ta' Awwissu, 2025 6:00am sa nofsinhar (2 wardens) – Triq il-Kuċċard

Is-Sibt 30 ta' Awwissu, 2025 6:00am sas-2:00pm (2 wardens) – Triq il-Kuċċard

Mill-Ġimgħa 29 ta' Awwissu, 2025 sal-Ħadd 31 ta' Awwissu, 2025 mis-6:00pm sa nofsilejl (2 wardens kull ġurnata fi Triq l-Iskola).

**Barriers**

Ser jieħu ħsieb il-Każin tal-Banda japplika mal-pulizija

## 6.6 Korrispondenza

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni tal-Unloading bay fi Triq Dun Karm Lia minħabba l-*Convenience Shop*. Huwa spjega li filgħodu mit-8am sa nofsinhar ser tkun qed tintuża bħala un/loading l-bay mis-suppliers li jkunu jridu jħottu x-xogħol filwaqt li minn nofsinhar sal-4pm ser ikun hemm timed parking ta' 15-il minuta. Wara dawn il-ħinijiet il-parking ikun jista' jintuża minn kulħadd. Is-Sindku qal li TM qalulu li dawn huma ħinijiet uniformi li qed jingħataw lill-ħwienet tal-Convenience kollha fejn ikun hemm il-ħtieġa. Huwa qal ukoll li fl-opinjoni tiegħu b'hekk qed jinħoloq bilanċ bejn l-esiġenzi tal-Convenience Shop u l-klijenti tiegħu u r-residenti.

## 6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8:00pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju, 2025 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |